

## Motivi invokati

Id-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minħabba erba' motivi prinċipali, partikolarmen minħabba li l-Bord tal-Appell:

- wettaq żball ta' liġi peress li naqas milli jikkonstata li reklamar u offerti għall-bejgħ tal-lukanda u servizzi anċillari, partikolarmen dawk fil-klassijiet 38, 39, 41, 42, 43 u 44, diretti lejn il-konsumaturi tal-Unjoni kienu jikkostitwixxu użu ġenwin tat-trade mark tal-Unjoni fċirkustanzi fejn dawk is-servizzi ngħataw fl-Istat Uniti;
- wettaq żball ta' liġi meta naqas milli jikkonstata li reklamar u promozzjoni tas-servizzi rilevanti kien suffiċjenti sabiex jiġi pprovat użu ġenwin għal dawk is-servizzi;
- wettaq żball ta' liġi meta naqas milli jikkonstata li reklamar tal-ftuħ tal-lukanda ta' Londra kien rilevanti; u
- wettaq żball ta' liġi billi naqas milli jipprovdi kwalunkwe, jew kwalunkwe raġunament suffiċjenti għaliex wasal għal din il-konklużjoni.

## Rikors ippreżzentat fit-23 ta' Diċembru 2020 – Ryanair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-769/20)

(2021/C 62/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. Laprévote, V. Blanc, S. Rating u I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 5616 final tal-11 ta' Awwissu 2020 dwar l-Ġajnejna mill-Istat SA.57586 (2020/N) – Estonia COVID-19: Recapitalisation and subsidised interest loan for Nordica;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-eċċwel motiv ibbaż fuq applikazzjoni żbaljata, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE u tal-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Għajnejna mill-Istat biex Jingħata Sostenn lill-Ekonomija Matul it-Tifqigħa Preżenti tal-COVID-19 billi kkonstatat li l-għajnejna tindirizza perturbazzjoni serja fl-ekonomija Estonjana, li Nordica hija eliġibbli għal Għajnejna, u li l-kundizzjonijiet dwar distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, dwar ħruġ tal-Istat u dwar ristruttur kienu ssodisfatti, u billi kisret l-obbligu tagħha li tiżen l-effetti pożittivi tal-għajnejna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjonijiet (jiġifieri t-“test tal-ibbilanċjar”).
2. It-tieni motiv ibbaż fuq ksur min-naħħa tal-Kummissjoni ta' dispożizzjonijiet spċċiċi tat-TFUE u tal-prinċipi ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-projbizzjoni minn diskriminazzjoni, il-libertà li jiġi pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment li sostnew il-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-aжу fl-Unjoni sa mill-aħħar tas-snin tmienin.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas li jingħata bidu għal proċedura ta' investigazzjoni formali, mill-Kummissjoni Ewropea, minkejha diffikultajiet serji u fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti mill-istess Kummissjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.
- 

### **Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2020 – KS u KD vs Il-Kunsill et-**

**(Kawża T-771/20)**

(2021/C 62/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: KS u KD (rappreżentanti: F. Randolph, QC u J. Stojasavljevic-Savic, Solicitor)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

#### **Talbiet**

Ir-riktorrenti jitbolu li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- il-konvenuti, separatament jew *in solidum*, jagħtu riparazzjoni u kumpens (inkluż il-ħlas ta' interassi b'rata u għal tali perijodu li l-Qorti Ġenerali tqis xieraq) lir-riktorrenti għad-dannu mięgħib minħabba r-responsabbiltà ta' dak tal-ewwel għal ksur tad-drittijiet tal-Bniedem ta' dak ta' wara, *in casu l-Artikoli 2, 3, 6, 8 u 13 tal-Konvenzioni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (l') u l-Artikoli 2, 4 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") sa fejn jikkonċerna l-ewwel rikorrenti u l-Artikoli 2, 3, 6 u 13 KEDB u l-Artikoli 2, 4 u 47 tal-KDF sa fejn jikkonċerna it-tieni rikorrenti, skont l-Artikolu 340(2) TFUE; u*
- il-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tar-riktorrenti skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, liema spejjeż biex jiġi evitat kull dubju ma għandhomx ikunu limitati għall-ammonti ta' ġħajnejha legali ordnati li jithallu mill-Qorti Ġenerali b'Digriet bid-data tal-20 ta' Novembru 2020 u għandhom jinkludu l-ispejjeż biex tmexxew proċedimenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem (BRDB).

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-riktorrenti jfisxtu r-riparazzjoni u l-kumpens, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għad-dannu li jalleġaw li sofrew bħala riżultat tal-ksur allegat tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari skont il-parti proċedurali tal-Artikolu 2, l-Artikoli 3, 6(1) u 13 KEDB u l-Artikoli korrispondenti 2, 4 u 47 tal-Karta mill-konvenuti.

L-azzjoni tirrigwarda l-fatti li seħħew wara t-8 ta' Diċembru 2008 meta r-responsabbiltà fir-rigward tal-pulizija u tal-ġustizzja kienet ittrasferita mill-Missjoni ta' Amministrazzjoni Proviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK), għall-Unjoni Ewropea, b'EULEX li assumiet il-kontroll operazzjonali sħiħ fil-materja tal-istat tad-dritt, wara l-adozzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-UE 2008/124/PESK (?) fit-8 ta' Frar 2008. Din tal-aħħar tat mandat eżekkutiv lil EULEX biex tiżgura li tiżgura li, "b'mod adegwat, isir stħarriġ, titmexxa prosekuzzjoni, jingħataw sentenzi u jsir infurzar" fir-rigward ta' każżejjiet ta' reati tal-gwerra, reati inter-etiċċi u reati serji oħra.

Ir-riktorrenti jinvokaw:

- ksur kontinwu tal-Artikoli 2 u 3 KEDB (il-partijiet proċedurali) mill-konvenuti għal nuqqas li tittieħed azzjoni ta' rimedju meta kienu nnotifikati, l-iktar tard fid-29 ta' April 2016, li l-BRDB sabet li EULEX kisret l-Artikoli 2 u 3 KEDB fit-twettiq tal-mandat eżekkutiv tagħha;